31996D0080

L 19/50 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 25.1.1996

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Jannar 1996

li tistipula kampjun taċ-ċertifikati tal-linja ta' tnissil għall-ova ta' l-annimali li mrobbija ta' l-ispeċi tal-ifrat u d-dettalji li għandhom jiddaħħlu f'dawk iċ-ċertifikati

(Test b'relevanza għall-FEE)

(96/80/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 fuq it-trobbija pura ta' annimali ta' l-ispeċi tal-ifrat [1], kif l-aħħar emendata bit-Trattat t'Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 5 u l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi, fil-ħames inċiż ta' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva fuq imsemmija, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva, id-dettalji li għandhom jidhru fuq iċ-ċertifikat tal-linja ta' tnissil li jista' jakkumpanja l-ova ta' l-annimali tat-trobbija ta' l-ispeċi tal-ifrat meta jidħlu fil-kummerċ ġewwa l-Komunità;

Billi dawn iċ-ċertifikati nnifishom jista ma jkunx hemm bżonnhom sakemm il-partikolarijiet msemmija f'din id-Deċiżjoni huma diġà' presenti f'dokumentazzjoni ta' referenza li jirreferu għall-ova ta' l-annimali mrobbija ta' l-ispeċi tal-ifrat li jidħlu fil-kummerċ ġewwa l-Komunità;

Billi l-kampjun u l-partikolarijiet li għandhom jidhru fuq iċ-ċertifikat tal-linja tan-nisel ta' l-annimali mrobbija puri ta' l-ispeċi tal-ifrat huma diġà stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/404/KEE [2] u dawk għas-semen u għall-embriji huma diġà stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/124/KEE [3]; billi l-informazzjoni fuq l-annimali mrobbija ta' l-ispeċi tal-ifrat għandhom ikunu nklużi fiċ-ċertifikat dwar l-ova;

Billi il-miżuri li hemm provduti f'din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni ta' l-Kumitat Permanenti ta' Żooteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-dettalji li ġejjin iridu jissemmew fiċ-ċertifikat għall-kummerċ ġewwa l-Komunità ta' l-ova ta' l-annimali mrobbija ta' l-ispeċi tal-ifrat:

— informazzjoni aġġornata kif stipulata fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 86/404/KEE dwar il-baqra donatura kif ukoll il-grupp tad-demm tagħha,

— informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' l-ovum, id-data tal-ġbir tiegħu u l-ismijiet u l-indirizzi taċ-ċentru tal-kollezzjoni ta' l-ovum u tal-kunsinnatarju.

Jekk hemm aktar minn ovum wieħed f'tibna singola, dan għandu jkun dikjarat biċ-ċar u aktar minn hekk l-ova kollha jrid ikollhom l-istess omm.

L-Artikolu 2

Il-partikolarijiet provduti fl-Artikolu 1 jista' jkunu indikati:

1. fil-forma ta' ċertifikat konformi mal-kampjun fl-Anness;
2. fid-dokumentazzjoni li jakkumpanja l-ova ta' l-ispeċi tal-ifrat. F'dan il-każ l-awtorità kompetenti trid tiċċertifika li l-partikolarijiet stipulati fl-Artikolu 1 huma indikati f'dawk id-dokumenti, permezz tal-formula li ġejja:

   "Dak hawn taħt iffirmat jiċċertifika li dawn id-dokumenti, fihom il-partikolarijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/80/KE".

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' Jannar 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 206, tat-12.8.1977, p. 8.
[2] ĠU L 233, ta' l-20.8.1986, p. 19.
[3] ĠU L 62, tat-8.3.1988, p. 32.

L-ANNESS

KAMPJUN TAĊ-ĊERTIFIKAT ZOOTEKNIKU

għall-kummerċ ġewwa l-Komunità fl-ova ta' l-annimali ta' trobbija ta' l-ispeċi tal-ifrat

ĊERTIFIKAT ZOOTEKNIKU GĦALL-OVA	
A. Partikolarijiet tal-baqra donatura	
1. il-korp tal-ħruġ	2. Razza
3. Isem ir-reġistru tal-merħla	
4. Isem l-annimal	5. Nru tar-reġistru tal-merħla
6. Sistema ta' identifikazzjoni (marka fil-widna, tpinġija, *microchip* eċċ.)	7. Nru ta' identifikazzjoni
8. Data tat-twelid	9. Grupp tad-demm (*)
10. L-isem u l-indirizz ta' min irabbi	
11. L-isem u l-indirizz tas-sid	
12. Linja ta' tnissil	
Missier Nru tar-reġistru tal-merħla	Missier il-missier Nru tar-reġistru tal-merħla
	Omm il-missier Nru tar-reġistru tal-merħla
Omm Nru tar-reġistru tal-merħla	Missier l-omm Nru tar-reġistru tal-merħla
	Omm l-omm Nru tar-reġistru tal-merħla
13. Ir-riżultati ta' l-eżamijiet tal-għamil u riżultati aġġornati tal-valur ġenetiku bl-isem tal-korp li għamel stima tal-valur ġenetiku, fuq l-annimal innifsu u fuq il-ġenituri u n-nanniet tiegħu (fejn disponibbli)	
Magħmul fi ..... , fil- ..... Firma ..... ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU ..... (*) Jew metodu xieraq ieħor skond il-leġislazzjoni tal-Komunità.	

ĊERTIFIKAT ZOOTEKNIKU GĦALL-OVA		
B. *Partikolaritajiet ta' l-ova*		
1. Sistema ta' identifikazzjoni ta' l-ova (kulur, numru)	2. Identifikazzjoni tal-kontenitur	
3. Oriġini ta' l-ova (indirizz tal-grupp tal-kollezzjoni ta' l-ova)		
4. Destinazzjoni ta' l-ova (isem u indirizz tal-kunsinnatarju)		
Identifikazzjoni tat-tiben	Numru ta' l-ova għal kull tibna	Data tal-ġbir
Magħmul fi, ..., fil- ..... Firma ..... ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU		